VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 61 tal-2015

ATT DWAR IL-FORZI ARMATI TA' MALTA (KAP. 220)

Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 tal-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta, il-President ta' Malta għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti huwa r-Regolamenti tal-2015 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta, hawn iktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 220.03

Iħassar ir-regolament 59 ta, u r-Raba' Skeda li tinsab ma', ir-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 59 ta', u r-Raba' Skeda li tinsab ma', ir-regolamenti prinċipali għandhom jiġu mħassra.